# Kunsill Reġjonali Lvant

---

MINUTI

Laqgħa tar-Reġjun Numru 13

L-EWWEL LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 13

Il-Ħamis 3 ta' Novembru, 2022

Il-Kunsill Reġjonali Lvant ltaqa' ġewwa The Notch Conference Centre, Urban Valley Resort and Spa, San Gwann, fil-5:30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Anthony Chircop – President
Is-Sur Maximillian Zammit – Viċi President u Sindku Ta' Xbiex
Is-Sinjura Margaret Baldacchino Cefai –Sindku l-Imsida
Dott. Dorian Sciberras –Sindku Iklin
Is-Sa. Helen Gauci – Sindku Għargħur
Is-Sur Omar Elaref Arab – Viċi Sindku Pembroke
Is-Sur Anthony Dalli – Sindku Ħal Lija
Is-Sa Zoya Attard –Sindku Pieta'
Is-Sur John Pillow – Sindku tas-Sliema
Is-Sa Maryanne Abela – Viċi Sindku Swieqi

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Is-Sa Joanne Debono Grech –Sindku Birkirkara
Is-Sur Clayton Luke Mula – Viċi Sindku San Ġiljan

ASSENTI

Is-Sur Conrad Borg Manchè – Sindku Gżira

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sinjura Jeanette Galea – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Il-President, is-Sur Anthony Chircop, qal talba u presjeda l-laqgħa.

## 13.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

13.1.1 Il-President, is-Sur Anthony Chircop, informa lill-membri li dan ir-Reġjun kien irċieva ittra ta' apoloġija mingħand is-Sindku ta' Birkirkara, is-Sa Joanne Debono Grech, kif ukoll mill-Viċi Sindku ta' San Ġiljan, is-Sur Clayton Luke Mula, sabiex jinfurmawna li ma setawx jattendu għal din il-laqgħa minħabba mpenji oħra.

13.1.2 Il-membri preżenti approvaw l-ittri ta' apoloġiji mressqa.

## 13.2 SPI/SCI/10/2022 - Espressjoni ta' Interess - Żvilupp u titjib ta' latrini pubbliċi awtomatiċi madwar Malta u Għawdex

13.2.1 Il-President għamel referenza għall-komunikazzjoni li dan ir-Reġjun irċieva mingħand id-Divizjoni tal-Gvern Lokali – SPI, kif ukoll informa lill-membri preżenti dwar l-informazzjoni li ingħata f'laqgħat li hu kellu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun, mas-Sa Marisa Pisani, dwar din l-iskema finanzjarja.

13.2.2 Il-President, is-Sur Chircop, spjega x'qed ikun mistenni mill-Kunsill Reġjonali u mill-Kunsilli Lokali li jappartjenu lilu.

13.2.3 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet fuq il-mejda żewġ komunikazzjonijiet li kienu waslu mingħand il-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija kif ukoll mill-Kunsill Lokali ta' Pembroke dwar din l-iskema finanzjarja.

13.2.4 Is-Sur Chircop qara ż-żewġ komunikazzjonijiet li kienu ġew ppreżentati lill-membri preżenti.

13.2.5 ***17:37pm – il-Viċi Sindku ta' Pembroke, is-Sur Omar Elaref Arab, wasal għal din il-laqgħa.***

13.2.6 Is-Segretarju Eżekuttiv żiedet tgħid kif huwa ta' importanza li ma jkunx hemm *double funding.* Kunsill Lokali ma jkunx jistà jitlob għal affarijiet li ser ikunu qed jinxtraw taħt skema oħra. Is-Sa Galea fakret lill-membri li d-dokument mibgħut mill-SPI tispjega l-kundizzjonijiet tal-latrini pubbliċi fi ħdan ir-Reġjun fejn

13.2.7 din l-informazzjonijiet kienet provduta mill-Kunsilli Lokali rispettivi.

13.2.8 Il-President spjega li f'lokalitajiet fejn ma hemmx latrini publiċi, dawn għandhom jingħataw preferenza akbar, fejn tistà issir waħda kif suppost.

13.2.9 Is-Sur John Pillow spjega kif il-Kunsill Lokali ta' tas-Sliema kienu ser jgħamlu struttura simili f'żoni fejn ma hemm nuqqas ta' latrini.

13.2.10 ***17:55pm – Is-Sindku ta' Ta' Xbiex, is-Sur Max Zammit, kif ukoll is-Sindku ta' l-Iklin, Dott. Dorian Sciberras, waslu għal din il-laqgħa.***

13.2.11 Kien hemm diskussjoni bejn il-membri dwar din l-iskema finanzjarja, fejn kulħadd beda jispjega x'latrini hemm f'kull lokalità.

13.2.12 Is-Sindku tal-Għargħur, is-Sa Helen Gauci, espremiet li fl-Università għadhom kif ġew installati latrini simili u għal din ir-raġuni, s-Segretarji Eżekuttiv talbet id-dettalji ta' dawn il-kumpaniji sabiex jinġabru kwotazzjonijiet meħtieġa u l-membri jkunu jistgħu jieħdu deċiżjoni aħjar.

13.2.13 Il-President fakkar lill-membri li jekk hemm xi latrina li jkollha bżonn xogħol ta' manutenzjoni, dan ma jaqax taħt din l-iskema finanzjarja.

13.2.14 Is-Sindku ta' Ta' Xbiex, is-Sur Max Zammit, ġibed l-attenzjoni dwar ir-regoli tas-CRPD fejn hu spjega kif fil-latrina li l-Kunsill tagħhom qed ilesti fil-preżent, ma tħallewx jgħamlu vit bl-automatic. Dan il-każ jistà jkun ġara hekk peress li ser ikun hemm *toilet* wieħed.

13.2.15 Is-Segretarju Eżekuttiv staqsiet lill-membri jekk l-ispejjeż addizzjonali sabiex isiru l-komunikazzjonijiet għall-latrini hux ser jitħalsu mill-Kunsill Lokali rispettiv jew jekk hux dawn ser jitħalsu mir-Reġjun.

13.2.16 Il-membri qablu li jekk ikun hemm xi ħlas addiżżjonali, dan ser ikun qed jinħareġ mill-Kunsill rispettiv.

13.2.17 Il-membri preżenti qablu b'mod unanimu li r-Reġjun għandu jesprimi l-interess tiegħu f'din l-iskema finanzjarja u għandu jinforma lid-Diviżjoni bil-miktub b'din id-deċiżjoni.

## 13.11 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

13.11.1 Il-laqgħa intemmet fis-6:30 ta' filgħaxija u l-President fakkar lill-membri fil-laqgħa tar-Reġjun li jmiss li kienet skedata għal nhar it-Tlieta 22 ta' Novembru 2022.

Konfermati, illum it-Tlieta 22 ta' Novembru, 2022.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Anthony Chircop<br>President | Jeanette Galea<br>Segretarju Eżekuttiv |